**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Daryl Borg]**

**vs**

**Marco Attard**

**Kumpilazzjoni Numru: 105/17**

**Illum, 7 ta' Ottubru, 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza migjuba kontra Marco Attard detentur tal-karta tal-identita` numru 40657G akkuzat talli nhar l-14 ta' Frar 2011 f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-

ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, sabiex iqanqal tama' jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh bi hsara ta' haddiehor, ghad-dannu Jeffrey Calafato, Carmen Calafato, Pierre Cassar u/jew persuni ohra u/jew entitajiet ohra u dan bi ksur tal-Artikoli 308 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 308 u 310 (1) (a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stante ammissjoni u stante illi l-imputat ikkonferma l-akkuza kif dedotta anke wara li nghata zmien opportun sabiex jahsibha u wara li l-Qorti wissietu bi kliem semplici l-import tal-piena li jista' jehel kif ukoll stante illi l-ammont kollu thallas lill-parte civile u wara li rat in-nota tal-parte civile fejn irrinunzjat ghal dak kollu li hu rinunzjabbli ssib lill-imputat Marco Attard hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-

Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**